MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru. 953/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**MARK SCIORTINO ta’ 26 sena, iben Louis u Mary nee’ Galea, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-5 ta’ Frar, 1984, residenti fil-fond Block R, Bieb A, Triq ic-Centinarju, Santa Lucija, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 98284M;**
**U CLINT SHEAD ta’ 27 sena, iben Raymoned u Rachael nee’ Ciappara, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-27 ta’ Jannar, 1983, residenti fil-fond Block 13, Bieb 1, Flat 3, Trejqet il-Liedna, Santa Lucija, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 100883M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Mark Sciortino** u **Clint Shead** li gew akkuzati talli:

1. Nhar il-15 ta’ Ottubru, 2003 bejn is-01.00hrs u 02.30hrs gewwa Hal-Ghaxaq, ikkommettew serq ta’ handbag tal-gilda tal-marka Prada ta’ kulur iswed li jiswa madwar Lm300.00, portmoney tal-gilda tal-marka Mandarine li jiswa madwar Lm40.00, Lm60.00 fi flus kontanti, 200 Dollaru Amerikan li kienu jikkonsistu f’zewg karti ta’ 100 Dollaru-il wahda minn vettura tal-marka Rover li ggib in-numru tar-registrazzjoni LEO 369 u ammont ta’ CDs, videos u cassettes minn vettura Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni HBA 076 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bl-ammont, meta volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-mitt lira Maltin (Lm100.00), u ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), ghad-dannu ta’ Rosanna Carbonaro u Tatanaki Roxanne rispettivament, bi ksur ta’ l-Artikolu 325b tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u aggravat bil-mezzi meta sar fuq vettura jew vetturi f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta’ jew fuq xi haga li tkun go dik il-vettura bi ksur ta’ l-Artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement f’Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom, bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. **Lil Clint Shead wahdu** talli fl-istess hin, data, u cirkostanzi garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta’ l-Ordinanza ta’ l-Armi Artikolu (1) tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U kif ukoll talli huwa recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ l-4 ta’ Frar, 2002, Mag Dr C Peralta LL.D., liema sentenza giet definittiva fl-4 ta’ Frar, 2002.

Rat id-debita nterrogatorju fejn il-ko-imputati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi lilhom addebitati, kif ukoll illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi verament l-imputati nstabu fil-hinjiet bikrin ta' bil-lejl – 3.00am circa, u rrizulta li kienu fil-vicinanzi ta' karozza misruqa f'Hal-Ghaxaq, li minnha nsterqu s-somma ta' mitejn Dollaru Amerikan f'zewg noti tal-mija. Imwaqqfa mill-pulizija bil-lejl, fuq Shead instabu pen-knife kif ukoll mitejn Dollaru Amerikan, ukoll f'zewg karti tal-mija-il wahda.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-Ufficjali tal-Pulizija PC 1023 Andrew Bugeja u PS 249 illi Shead, l-ewwel ta verzjoni li dawn il-flus gew mill-Gate Way Diner - is-sit tax-xoghol tieghu, sussegwentement li baghathomlu zijuh mill-Amerka. Jirrizulta wkoll illi l-ghada sarraf l-istess flus fi flus Maltin. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tad-derubata Rosanne Carbonaro li hija kellha fil-vettura taghha l-flus fil-karti kif misjuba ghand Shead. Pero dan biss jolqot l-imputati ma' l-akkuzi li ghandhom konguntivi. Dan biss bhala fatt ma jwassalx ghall-grad ta' prova li trid il-Ligi u ghaldaqstant qeghdin jigu liberati mill-istess.

Shead huwa wkoll akkuzat ghall-fatt illi garr arma bil-ponta – reat dan illi zgur jirrizulta, ghalhekk huwa hati ta' l-istess wara li rat l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ngabet ebda prova tar-recidiva addebitata.

Dwar il-piena, din il-Qorti qieghda tikkundanna lil Clint Shead li jhallas is-somma ta' €116.50, liema multa hija pagabbli fi zmien xahar (1) mill-lum, b'dan illi l-pagament ghandu jsir sa nhar it-30.05.2010, u dan ai termini ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna wkoll il-konfiska tal-pen-knife ezebita minn PS 249 Angelo Curmi fis-seduta ta' nhar il-21.01.2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------